MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 2(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar 2012, fil-4:30p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Approvazzjoni ta' financial quartertly reports
6. Rapport Amministrattiv
7. Laqgħa annwali tal-lokalita' 2012-02-09
8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
9. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur William Pomroy qal it-talba.

**1. <u>Qari tal-Minuti</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondat mis-Sur Steven Grech li għaddiet b'mod unanimu.

**2. <u>*Arisings* mill-Minuti</u>**

Ma kienx hemm

**3. <u>Korrispondenza</u>**

Nqrat il-korrispondenza kollha

**3.1** Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand is-Sur Joseph Grech li permezz tagħha is-Sur Grech talab lill-Kunsill informazzjoni dwar Triq il-Port Ruman. Huwa żied illi wara li l-Kunsill kien infurma lir-residenti illi din it-triq ser issir *one-way* ma kienet ittieħdet ebda azzjoni u t-tabelli li jindikaw dan kienu għadhom ma twaħħlux. Wara diskussjoni qasira li matulha irrużulta illi l-Kunsill ma kienx waħħal it-tabelli minħabba l-kwantita' kbira ta' ilmenti li kien irċieva, ġie deċiż illi għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex jiġi modifikat il-permess illi ingħata u parti mit-triq tkun *two-ways* bil-bqija tat-triq issir *one way*. Hekk kif jinħareġ il-permess il-Kunsill iwaħħal it-tabella.

**3.2** E-Mail datat 6 ta' Frar 2012 mingħand is-Sur Vincent Schembri li permezz tiegħu inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi irħama li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda li kienet tonora lill-Eks Ministru Carmelo Caruana kienet iċċarat u kien hemm bżonn illi tiġi ffriskata ż-żebgħa tagħha. Kien hemm qbil illi dan ix-xogħol għandu jsir permezz ta' ħaddiem li l-Kunsill għandu assenjat miegħu.

**3.3** Ittra datata 27 ta' Jannar 2012 mingħand FF Limited rigward Triq l-Iskola l-Antika. Permezz ta' din l-ittra FF Limited infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet lesta illi tagħmel xogħol ta' tisbiħ fil-parti d-dejqa tat-triq. Dan ix-xogħol kien jinkludi fost l-ohrajn wiċċ ġdid bi *stencil pave* flimkien ma' kanali għal-ilma tax-xita. Kien hemm qbil illi l-Kunsill għandu jaċċetta din il-proposta sakemm l-imsemmija kumpanija tkun koperta bil-permessi kollha neċessarji sabiex twettaq ix-xogħolijiet.

**3.4** Permezz ta' E-Mail datat 2 ta' Frar 2012, is-Sinjorina Carol Fenech f'isem il-Kunsill ta' l-iskola Primarja talbet lill-Kunsill Lokali jerġa jikkonsidra l-għeluq ta' Triq San Franġisk waqt il-ħinijiet ta' l-iskola. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali għandu jżomm mad-deċiżjoni li kien ħa ftit tal-ġimgħat qabel u cioe' illi l-istudenti jidħlu mill-entratura l-oħra. Kemm il-darba dan ma jkunx possibbli u t-tabelli jitressqu hekk kif kien mitlub dan kien ser ifisser illi lanqas l-impjegati ta' l-iskola ma jkollhom aċċess għal ħruġ u dħul fl-iskola waqt il-ħinijiet konċernati. Dwar dan kellha tintbagħat e-mail lis-Sinjorina Fenech.

**3.5** Ittra datata 18 ta' Jannar 2012 mingħand MEPA li permezz tagħha l-istess awtorita' rrispondiet l-appell illi l-Viċi-Sindku kien għamel f'isem il-Kunsill Lokali għar-rapport tat-Tribunal. Wara li ġie diskuss il-kontenut ta' l-ittra kien hemm qbil illi l-Viċi-Sindku għandu jibgħat ir-risposti tiegħu lil MEPA.

**3.6** Ittra datata 2 ta' Jannar 2012 mingħand is-Sinjura Tiziana Buriani Biavati, illi permezz tagħha l-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipproponi illi tiġi ddekorata l-power station ta' Delimara. Is-Sinjura Buriani Biavati tat eżempji ta' xogħol simili illi sar f'pajjiżi barranin u żiedet illi tali inizjativa tibdel lill-impjant minn wieħed illi jkerraħ lill-ambjent f'attrazzjoni. Kien hemm qbil illi l-Viċi-Sindku għandu jevalwa l-proposta tad-Sinjura Biavati.

**3.7** Ittra datata 18 ta' Jannar 2012 mingħand is-Sur George Mangion f'isem AFS Ltd. li permezz tagħha l-Kunsill ġie infurmat illi funtana li kien hemm fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali kienet intfiet peress illi ma' kienx ġie iffirmati il-Maintenance Agreement bejn l-istess kumpanija u l-Kunsill Lokali.
Permezz ta' e-Mail datat 23 ta' Jannar 2012, is-Segretarju Eżekutttiv f'isem il-Kunsill Lokali spjega ir-raġunijiet li għalihom ma kienx ġie iffirmat l-imsemmi ftehim anke fuq gwida li kienet intalbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi wara dan l-email kellu konversazzjoni telefonika mas-Sur Mangion u ż-żewġ naħat waslu fi qbil.

**3.8** Permezz ta' E-Mail datat 25 ta' Jannar 2012, il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali talab l-opinjoni tal-Kunsill dwar *charging pillars* għall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Fost l-oħrajn il-Kunsill Lokali ġie mitlub jidentifika siti fejn jistgħu jiġu imwaħħla l-imsemmija *charging pillars*. Dwar dan is-suġġett kien hemm diskussjoni libera u fost affarijiet oħra kien hemm qbil illi peress illi l-imsemmija *charging pillars* jagħmlu konsum mill-elettriku dan kien ser iżid it-talba għall-elettriku fuq l-impjant tal-*Power Station* Delimara bil-konsegwenza illi jkunu qiegħdin jikkontribwixxu għal aktar emissjonijiet. Għal dan il-għan il-Kunsill qabel illi għandu jipproponi illi jsir użu minn panneli fotovoltajċi sabiex jiġi ġġenerat l-elettriku. Kellha ssir proposta sabiex ic-charging pillars jiġu installati biswit latrina fil-lokalita' sabiex is-saqaf tagħha ikun jista' jintuża halli jitwaħħlu l-pannelli fotovoltajċi

**3.9** E-mail datat 13 ta' Jannar 2012 mingħand il-Perit Audrey Testaferrata Denoto f'isem Transport Malta li permezz tagħha il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi kienet ġiet approvata t-talba għal road humps fi Triq Bir Rikka. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minkejja illi l-Kunsill kien għamel talba għal żewġ road humps u identifika s-siti fejn għandhom jitpoġġew l-awtorita' kienet approvat illi ssir road hump waħda. Dwar dan il-Kunsill informa lir-residenti u dawn ta' l-aħħar urew ix-xewqa illi r-road humps isiru hekk kif kien ippropona l-Kunsill. Wara diskusssjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali għandu jressaq it-talba tar-residenti lil Transport Malta.

**3.10** Permezz ta' e-mail datat 31 ta' Jannar 2012, is-Segretarju Eżekuttiv kien talab lill-pulizija tieħu azzjoni rigward karrijiet ta' dgħajjes abbandunati fiż-żona tal-pitch tal-Waterpolo. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi b'riżultat ta' dan kienu tneħħew xi karrijiet. Madanakollu residenti infurmaw lill-Kunsill illi kien għad fadal xi opri tal-baħar ħdejn l-entratura tal-klabb tal-*waterpolo.*

**3.11** E-mail datat 31 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali informa lill-pulizija illi f'zona partikolari f'Delimara kien intrema kwantita' kbira ta' materjal ta' kostruzzjoni. Fl-istess e-mail il-Kunsill Lokali talab illi tiġi intensifikata ir-ronda illi l-pulizija jagħmlu f'din iż-żona.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pulizija kienet ikkonfermat illi ma kellha ebda informazzjoni dwar min seta' wettaq dan l-abbuż.

**3.12** Permezz ta' e-mail datat 31 ta' Jannar 2012, is-Sur Pio Farrugia f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokal illi kienet saret reviżjoni fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Kawża ta' dan l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kienet tnaqqset.

**3.13** L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz ta' e-mail datat 1 ta' Frar 2012, kitbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġibdet l-attenzjoni ta' l-istess Dipartiment dwar il-fatt illi l-AKL ma kenitx ġiet ikkonsultata rigward ir-reviżjoni li kien ser ikun hemm fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali

**3.14** E-Mail datat 25 ta' Jannar 2012 mingħand is-Sur Robert Zerafa rigward is-Suq fil-beraħ ta' fost il-ġimgħa li jarma f'Marsaxlokk. Is-Sur Zerafa informa lill-Kunsill Lokali illi kien inħariġlu permess mit-Trade Licencing Unit sabiex jarma u għaldaqstant kien qiegħed jitlob illi jiġi allokat posta. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi kemm il-darba il-permessi illi s-

Sur Zerafa għandu huma validi jiġi allokat posta illi kienet sfat vakanti minn bejjiegħ ieħor li ma baqax jarma.

**3.15** E-Mail datat 19 ta' Jannar 2012 mingħand is-Sur Clinton Bugeja. Permezz ta' dan l-email is-Sur Bugeja talab lill-Kunsill sabiex ma jinqatax mil-lista ta' bejjiegħa tas-Suq fil-beraħ illi jarma nhar ta' Hadd ġewwa Marsaxlokk. Is-sur Bugeja qali illi huwa kien ilu għal żmien twil jarma fis-Suq fil-beraħ u kien ingħata posta temporanja meta kien qiegħed jitwettaq il-proġett ta' Xatt is-Sajjieda. Peress illi l-posta tinstab fit-tarf tas-Suq fil-beraħ, qabel jarma l-posta teigħu is-sur Bugeja ikollu jistenna sabiex jgħaddu bejjiegħa oħra għaliex inkella jingħalqilhom l-aċċess. Għaldastant, meta jgħaddu l-gwardjani sabiex jieħdu r-rassenja huwa jkun għadu ma huwiex fil-post. Is-Sur Bugeja żied illi l-attendenza kienet qiegħda tinbeda min-naħa teigħu. Filwaqt illi kien hemm qbil illi t-talba tas-Sur Bugeja kellha tiġi milqugħa peress illi l-argument illi kien ippreżenta kien validu, il-Kunsill żied illi kellha jiġi avviċinat il-gwardjan lokali li kien jieħu ħsieb l-attendenza tal-monti sabiex l-istess attendenza ma tinbediex  dejjem miż-żona tal-magħluq

**4.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**4.1** Ma kienx hemm

**5.** **<u>Quarterly Financial Reports</u>**

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-rapporti finanzjarji ta' kull kwart għall-perjodi Lulju - Settembru 2011 u Ottubru - Diċembru 2011. Wara li ingħataw dettalji ta' x'kienu jivolvu r-rapport kkonċernati dawn ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Remigio Cassar u li għaddiet b'mod unanimu.

**6.** **<u>Rapport  Amministrattiv 2011</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan ir-rapport kien għadu mhux lest. Dan peress illi r-rapport konċernat kellu jinkludi rendikonti finanzjarji għas-sena 2011 liema rendikonti kienu għahom qiegħdin jiġu ppreparati mill-accountant. Ġie deċiż illi dan ir-rapport jiġi diskuss fil-laqgħa sussegwenti.

**7.** **<u>Laqgħa Annwali tal-Lokalita'</u>**

**7.1** Il-Kunsill unanimament appova illi l-laqgħa annwali tal-lokalita' kellha tinżamm nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2012 fis-7:00p.m. fis-Sala Peter the Great li tinstab f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk. Dan peress illi l-accountant tal-Kunsill ma kenitx ser tlesti l-*financial statements* qabel is-17 ta' Frar 2012 u ma kienx ser ikun hemm iċ-ċans illi l-laqgħa tinżamm qabel jiġu approvati l-istess *Financial Statements* għas-sena 2012.

**8.** **<u>Approvazzjoni tal-ħlasijiet</u>**

**8.1** Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 02/12) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**9.** **<u>Affarijiet oħra</u>**

**9.1** Is-Sindku qal illi l-amministrazzjoni kienet infurmatu illi kien hemm bżonn illi jinxtraw partijiet mill-uniformi. Dan peress illi l-aħħar illi ingħataw uniformijiet ġodda kien fis-sena 2010 u naturalment kien hemm xi partijiet illi ma kienux għadhom tajbin. Fuq mozzjoni tas-Sur Remigio Cassar, issekondata mis-Sur William Pomproy kien hemm qbil illi l-Kunsill jixtri l-uniformijiet ġodda illi l-ispiża totali tagħhom kienet tammonta għal €427.81

**9.2** Il-Kunsillier William Pomroy qal illi bħalma għamel fis-snin imgħoddija kien ħa ħsieb illi jħejji abbozz ta' programm għall-attvitajiet tal-Karnival 2012. Wara li ressaq fuq il-mejda id-dettalji ta' l-attivitajiet li kellhom jittellgħu nhar il-Ħadd 19 ta' Frar 2012 bejn l-10:30a.m. u t-3:30p.m. u li dwarhom kien hemm qbil, is-Sur Pomroy qal illi l-ispiża totali għal dawn l-attivitajiet kienet ser tammonta għal €2400. Ma' dawn wieħed ried iżid nefqiet minimi għall-kiri ta' siġġijiet u servizz ta' pulizija għaż-żamma tal-buon ordni. Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Stephen Caruana il-Kunsill unanimament qabel illi għandu jittella' programm ta' attvitajiet hekk kif propost mis-Sur Pomroy.

**9.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-amministrazzjoni kienet innotat illi ma kienx ġie imħejji il-pjan ta' tliet snin għall-perjodu 2011-2013. Għal dan il-għan kien tħejja abbozz ta' rapport amministrattiv li tpoġġa fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni libera, fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Edric Micallef u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill approva r-rapport hekk kif propost.

**9.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li kien ġie avviċinat minn xi kunsilliera sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi l-bankini ta' Triq Duncan u Xatt is-Sajjieda isiru konkos bi *stencil pave* minflok *pre-cast concrete blocks* kien talab stima lill-Perit ta' Alfred Schembri & Sons Ltd. Huwa żied illi l-Kunsill kien irċieva l-istima mitluba u d-differenza fil-prezz kienet ser tammonta għal madwar €4372.10. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jimxi mal-kuntratt oriġinali u l-bankini isiru bil-*paving blocks*.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30 p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgħa 17 ta' Frar 2012

**Stephen Caruana** — **Duncan Hall**
**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**